**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Maġ. Jur. (Int. Law)**

**Illum,** 22 ta' Frar, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvin Zammit)**
**-vs-**
**Kevin Spiteri, detentur ta' karta tal-identita` numru 403171M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 499/2020*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Kevin Spiteri u ċioe` talli:

1. Nhar id-19 ta' Settembru, 2020, ghal habta ta' bejn 18:30 u 20:00 ta' filghaxija, gewwa Triq De Rohan, Marsascala, qatel annimal ta' razza domestikata jew li tappartjeni ghal razza selvagga izda li tkun giet domestikata u dan bi ksur tal-*Artikolu 13(1) u 45(1)(a) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gieghel annimal isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) u 45(1)(a) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

   Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lil-hati għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-***Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Claudell Victoria Pauline Cauchi u tapplika l-provedimenti tal-***Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*** u tohrog ordni ta' protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa kif ukoll titlob mill-qorti ordni ta' trattament fil-konfront ta' Kevin Spiteri u dan ai termini tal-***Artikolu 412D tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

Rat li waqt l-udjenza tal-1 ta' Frar, 2021, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w inghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Gie kkunsidrat li t-tieni imputazzjoni hi alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni. Ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serjissima tar-reati li jinsab imputat bihom l-imputat, tal-fedina penali xejn inkwetanti tieghu w tal-ammissjoni ferm bikrija tieghu.

Madanakollu, dan hu kaz li wera` kattiverja w krudelta` liema bhala, meta l-imputat tefa' minn zewg sulari gholi kelba u qattielha kiesah u biered. Azzjonijiet simili jnezzaw lill-bniedem minn kull ombra t'umanita`; huwa ghemil salvagg li jkexxkex. Bhala tali l-piena erogabbli ghandha tkun wahda li tirrifletti s-serjeta` tar-reat; li tghaddi messagg cjar w inekwivoku li f'socjeta civilizzata ghemil simili ma jista qatt jigi tollerat.

Mill-banda l-ohra l-Qorti ma setghetx ma taghtix piz ukoll ghal dak li gie kkonstatat mill-ufficjali tal-pulizija deskritt fil-Current Incident Report fejn jidher li l-imputat kien ha pilloli kontra d-depressjoni flimkien ma xorb alkoholiku. Jirrizulta li meta mitkellem mill-pulizija *a tempo vergine* Spiteri *"kien jidher li ma jinsabx f'kundizzjoni tajba kif ukoll kien jidher li huwa dispress ghax anke beda jibki xi hinijiet ….. Huwa gie mehud lejn l-Isptar Mater Dei ghal aktar osservazzjoni….".*

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li mhux ser tkun qed timponi piena karcerarja minhabba n-nuqqas ta' precedenti tal-imputat kif ukoll minhabba dak li kkonstatat il-pulizija mal-wassla taghhom fuq il-post, ser taghti sentenza sospiza li ser tinghata fil-massimu kemm tal-piena kif ukoll tat-terminu operattiv. Inoltre` dan il-kaz jimmerita wkoll l-imposizzjoni tal-multa.

Ghal dawn il-mottivi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 13(1) u 45(1)(a) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah **sentejn (2) prigunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-erba (4) snin, kif ukoll **multa ta' €8,000**.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn sabiex jigi segwit minn psikjatra.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet li ser jinghawtulu tul il-perjodu ta' trattament.

Peress li sar maghruf li l-persuna li ghaliha ntalab il-hrug ta' ordni ta' protezzjoni regghet qeghda f'relazzjoni mal-imputat, din il-Qorti qed tichad it-talba ghall-hrug ta' ordni ta' trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodici Kriminali.

Fl-ahhar net din il-Qorti ma tistax ma tergax tosserva li minkejja l-gravita` tar-reati ravvizati bl-***Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali***, dan l-Att ma jipprovdi ghall-ebda sanzjoni simili bhal ma tezisti fir-regolament 5(9) tar-***Regoli dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb, (L.S. 437.101),*** fejn persuna li tinstab hatja ta' reat dwar mohqrija tal-annimali, tista' tigi projbita milli zzomm kelb ghal dak il-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

F'kazijiet fejn bhal fil-kaz in dezamina, persuna wera bil-fatti li qatt f'ghomru ma ghandu jigi fdat izomm xi annimal, din il-Qorti hi prekluza milli taghti xi ordni simili minhabba li l-***Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali*** ma jipprovdi ghall-ebda sanzjoni simili bhala konsegwenza ta' sejbien ta' htija taht dak l-Att.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmulha tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lil Onor. Ministru ghall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali, lil Onor. Ministru ghall-Gustizzja, lil Avukat Generali u lill-Kummissarju ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat ukoll lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**